**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONIO MALLIA LL.D.**

**Illum, il-Hamis, 27 ta' Gunju, 2002**

**Citazzjoni Numru: 517/01TM**

**Numru:**

**Joseph Cassar**

**Vs**

**Edward Ferriggi**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni presentata mill-attur fit-2 ta' April, 2001 fejn ippremetta illi fis-17 ta' Frar, 2000, gewwa Balzan, bi

traskuragni, negligenza u nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti tat-traffiku, il-karozza numru DGY 044 f'*De Paule Avenue*, Balzan, habat fil-*minibus* numru GMY040 misjuqa mill-attur u proprjeta' tieghu; u

Ipremetta illi l-konvenut ghalkemm interpellat mill-attur naqas li jhallas id-danni minnu kkagunati;

Talab ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikajara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni li jigu hekk likwidati bl-imghaxijiet relattivi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi preliminarjament l-inkompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti "ratione valoris" billi d-danni pretizi minn l-attur ma jeccedux l-elf lira kif minnu dikjarat fic-citazzjoni.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi huma nfondati kemm fil-fatt u fid-dritt billi kien l-attur stess li kkaguna l-incident meritu ta' dina l-kawza meta baqa' hiereg minn fuq "stop sign" u baqa' diehel fil-vettura misjuqa mill-konvenut.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat li l-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu fis-seduta ta' l-14 ta' Frar, 2002 (fol. 24 tal-process);

Semghet il-provi li resqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza tikkoncerna kollizzjoni li sehhet f'*De Paule Avenue*, Balzan, fis-17 ta' Frar, 2000, bejn *Mini Bus* numru GMY 040 misjuqa mill-attur, u l-karozza *Ford Mondeo* numru DGY 044 misjuqa mill-konvenut. L-attur kien qed isuq go *Old Railway Avenue*, bi hsieb li jaqsam karreggjata ta' *De Paule Avenue*, u jidhol fl-istess triq fid-direzzjoni tal-Palazz ta' San Anton. Il-konvenut kien qed isuq f'*De Paule Avenue*, u ried isuq ghad-dritt biex jisbokka ghat-triq li taghti ghar-Rabat.

M'hemmx dubbju, fil-fehma ta' din il-Qorti, li l-konvenut kien '*main road user'*, waqt li l-attur kien qed isuq go triq sekondarja bi hsieb li johrog fil-'*main raod'*. Biex ikompli fi triqtu, il-konvenut kellu jaqsam il-karreggjata ta' dawk li kienu gejjin minn fuq il-lemin tieghu, u b'hekk jidhol fil-karreggjata tieghu.

Il-konvenut jghid li, qabel ma hareg minn *Old Railway Road*, huwa waqaf mal-linja ta' li-'Stop' li hemm miktub fl-art fit-tarf tat-triq. Ftit hin wara li waqaf, karozza li kienet gejja mill-lemin tieghu, waqfet u ghamlitlu sinjal biex johrog; huwa beda jsuq, izda kif issupera din il-karozza li kienet waqfitlu, sab ma wiccu l-karozza tal-konvenut, li kienet fuq il-*lane* l-iehor ta' l-istess triq minn fejn kienet gejja dik il-karozza li waqqfet, u saret il-habta.

Anke minn din id-deskrizzjoni biss ta' kif gara l-incident, jidher li l-attur ghandu t-tort ta' kif gara l-incident. Hu kien hiereg minn wara 'Stop Sign' u jaqsam karreggjata ta' triq, u ma kellux jaghmel dan qabel ma jkun cert li jista' jaqsam it-

triq <u>kollha</u> bla xkiel. L-attur ma kellu qatt johrog fil-'*main road*' sempliciment ghax persuna ohra qaltlu li seta' jaghmel dan; hu kellu johrog wara li <u>hu</u> ikun accerta ruhu li t-triq hija talment libera li tipermettilu jaqsam l-istess triq minghajr ostakolu ghall-utenti tal-'*main road*'. *De Paule Avenue* hija triq relattivament twila, dritta u pjuttost wiesgha, b'mod li tiflah zewg karozzi jsuqu fiha biswit xulxin. Hija triq ukoll pjuttost traffikuza (kif ammetta l-istess attur) u fejn biex taqsamha trid, allura, attenzjoni u prudenza massima. Jekk karozza wahda waqfet biex tippermetti lill-attur jsuq, dan ma kellux jippretendi li kellu jieqaflu kulhadd, jew li t-triq kienet kollha libera; kellu johrog bil-mod sal karozza li waqfitlu, u ma jkomplix isuq '*across the lane'* qabel ma jhares lejn il-lemin u jara li t-triq hija libera. L-attur, meta dak li hu ghamillu s-sinjal, ma kellux jaqbad u johrog ghall-ghonq it-triq minghajr ma jesplora sew it-triq. Kif osservat din il-Qorti fil-kawza "<u>Refalo vs Briguglio</u>" deciza fit-12 ta' Dicembru, 1986, minn irid jidhol fil '*main road*', irid jaghmel dan meta l-'*main road*' "tkun talment libera li hu jista' jghaddi ghal go fiha bla ma jiehu riskju li 'driver' prudenti m'ghandux jiehu". L-attur, fil-

fehma ta' din il-Qorti, ha riskju li ma kellux jiehu u ghandu jwiegeb ghall-akkadut. L-attur kellu juza grad ta' diligenza l-izjed gholi u vigilanza l-izjed qawwija, billi ghandu d-dmir li jcedi lit-traffiku li jkun fi triq principali - "Sammut vs Germaine de La Farque" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-2 ta' April, 1976.

L-attur anke jipprova jiggustifika ruhu billi jallega li kien il-konvenut li dahal fih u mhux vice-versa. Din il-verzjoni, pero' ma tidhirx soretta bil-prova, partikolarment ir-'*road accident report*' u n-natura tal-hsarat li soffrew il-vetturi. Mix-xhieda tas-Surgent li nvestiga l-kollizjoni jirrizulta li l-hsara fuq il-*Mini Bus* kienet fuq il *front bumper*, il-*grill*, il-*bonnet* u l-*indicator* ta' quddiem tan-naha tax-xellug; din il-hsara tindika habta bil-quddiem bil-vettura angolata lejn il-lemin. Il-hsara fuq il-karozza tal-konvenut kienet fuq il-*mudguard* ta' quddiem tax-xellug u z-zewg bibien tan-naha tax-xellug; din il-hsara tirrifletti habta fin-naha tax-xellug. Dawn il-hsarat jindikaw li meta l-attur hareg minn *Old Railway Road*, lanqas baqa' sejjer dritt fil-'*lane*' tieghu, biex jikser ghal-lemin malli jasal

biex jidhol fil-karreggjata tieghu; l-attur, anzi, beda jikser lejn il-lemin kif kien ghadu qed jaqsam il-karreggjata ta' *De Paule Avenue* li tintuza minn dawk li qed iqusu fid-direzzjoni tat-*traffic lights*. L-attur biex nghidu hekk, kien "*cutting the corner*" b'mod li anke invada l-karreggjata ta' dawk li jkunu gejjin mill-parti ta' fuq ta' *De Paule Avenue* (minn hdejn it-*traffic lights*) bil-hsieb li jidhlu f'*Old Railway Road*. Jidher car li l-attur kien qed isuq daqs li kieku kellu awtorita' minn kulhadd jaqsam it-triq u jibqa' sejjer; fil-fatt, hekk kif beda jikser lejn il-lemin tieghu, sab quddiemu l-karozza tal-konvenut li zgur li kien jinduna biha kieku zamm "*a proper lookout*" (ara, decizjonijiet simili, il-kaz deciz mill-Qorti tal Magistrati (Malta) fil 5 ta' Mejju, 1997, fil-kawza "Micallef vs Orland", dak deciz minn din il-Qorti fil-21 ta' Marzu, 1996, fil-kawza, "Vassallo vs Galea", u dak deciz ukoll minn din il-Qorti, fil-15 ta' Gunju, 1988, fil-kawza "Duca vs Mifsud").

Dwar is-sewqan tal-konvenut, il-Qorti ma ssib xejn ticcensura. Huwa kien '*main road user'* u kellu kull dritt jibqa' jsuq dritt. Il-fatt li l-karozza, fuq il-*lane* tax-xellug tieghu,

ghogobha tieqaf, ma jfissirx li hu wkoll kellu jieqaf, la darba ma kienx warajha.  Ghalkemm l-attur jghid li l-konvenut kien qed isuq bi *speed* qawwi, dan ma jirrizultax ghax anke mill-*isketch* esebit, la jirrizultaw '*break marks'* u lanqas ma jidher li l-konvenut waqaf il-boghod minn fejn sehh l-incident. Dawn il-fatturi johorgu wkoll mir-ritratti li esebixxa l-attur, li jikkonfermaw id-dinamika ta' l-incident kif illustrata min din il-Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, prevja li tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut, tichad it-talbiet tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**IMHALLEF**

**D/REG**